Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 139/2007

**Rita Muscat, Carmen Muscat, Anglu Muscat, Emily Muscat kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' hutha msefrin, Maria Riley u Jane Collins, Rose Azzopardi, Cettina Borg u Tony Muscat, John Muscat, Rosaria sive Rose Camilleri, Nancy Said, Rita Meilaq, Carmen Galea, Joseph Muscat u Salvina Portelli kemm f'isimha proprju u wkoll f'isem hutha msefrin Margaret Ghulam u Josephine Jones**

**vs**

**Joseph Muscat u b'digriet tal-15 ta' Frar 2011 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Angelo Muscat, Peter Paul Muscat, John Muscat, Carmen mart Michael Mifsud, Mario Muscat, Anthony Muscat, Michelina mart Philip Cricchiola, Lilian mart Rudolph Cricchiola, ahwa Muscat u Rita armla ta' Joseph Muscat f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' wliedha msefrin David**


Qrati tal-Gustizzja

**Muscat u Mary mart John Cauchi stante l-mewt ta' Joseph Muscat fil-mori tal-kawza, Emanuel Muscat u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2008 Dr Christopher Said gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefer Carmelo Muscat u b'digriet tas-26 ta' Mejju 2009 l-Avukat Dr Jean Paul Grech gie nominat bhala kuratur deputat ta' l-assenti Carmel Muscat peress illi Dr Christopher Said m'ghadux jokkupa l-kariga ta' kuratur ta' l-elenku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-17 ta' Dicembru 2007 li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-qasma tal-wirt ta' John u Carmela konjugi Muscat li mietu fis-7 ta' Awwissu 1958 u 29 ta' Jannar 1956, rispettivament, u li kellhom sitt itfal.

Rat li l-konvenuti Joseph Muscat u Emanuel Muscat permezz tar-risposta guramentata prezentata fis-6 ta' Marzu 2008 eccepew li m'humiex jopponu l-qsim tal-wirt, pero' trid tigi stabbilita l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tad-decujus u ssir prova tat-titolu ta' kull haga. Talbu wkoll li Joseph Muscat jigi mmess fil-pussess tal-legat imholli lilu minn missieru.

Rat li ghall-assenti konvenut Carmelo Muscat ma gewx prezentati eccezzjonijiet. Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2009 il-kuratur iddikjara li *"… hu ra l-atti u m'hemmx sottomissjonijiet x'jaghmel, zied ighid ukoll illi ma kellux dettalji fejn jista' jikkomunika ma' l-assenti".*

Rat is-sentenza parzjali ta' l-4 ta' Dicembru, 2009.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Ottubru 2010.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-azzjoni prezentata mill-atturi hija dik maghrufa bhala l-*actio familiae erciscundae.*

Illi permezz tas-sentenza parzjali ta' l-4 ta' Dicembru 2009 il-Qorti ddecidiet liema huma l-assi li ghandhom jifformaw oggett tal-qasma ossija:

(1) Il-fond kollu numru 41, Triq ir-Ramla, Nadur Ghawdex. Pero' mhux inkluza l-mandra li l-atturi jsostnu li tifforma parti mill-fond u mifruda permezz ta' sqaq.

(2) L-art fejn kien mibni l-fond numru 21, Triq Ramla, Nadur, Ghawdex u li llum hu mgarraf, inkluz il-kamra li tigi taht il-proprjeta' ta' terzi (maghrufa tat-Taljan)

(3) Porzjon raba' maghrufa bhala tad-Duru, Nadur b'kejl ta' cirka hames (5) sighan.

(4) 1/7 mill-wirt tal-genituri ta' Carmela Muscat (Michael Muscat u Rosa xebba Said), li hemm qbil li ghandu jibqa' komuni.

Illi Joseph Muscat talab permess biex jappella mis-sentenza parzjali liema permess inghata.

Illi s-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta giet konfermata *in toto.*

Illi jirrizulta li fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2010 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li hemm qbil li l-proprjeta' ghall-qasma m'hijiex kommodament divizibbli u jekk ma jintlahaqx ftehim bejn il-partijiet ser ikollha tinbiegh b'licitazzjoni.

Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2011 Dr Mario Scerri ghall-konvenuti ahwa Muscat ulied Joseph Muscat u ghal Emanuel Muscat iddikjara li kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghall-valuri proposti mill-Perit Teddie Busuttil, liema stimi *ex parte* gew prezentati mill-atturi fil-15 ta' Frar 2011. Il-kuratur tal-imsiefer Dr Jean Paul Grech irrimetta ruhu ghal tali valuri.

Illi l-Perit Teddie Busuttil ghamel is-segwenti stimi:

- Il-proprjeta' li tinsab f'**21 Triq Ramla l-Hamra, Nadur Ghawdex** giet stmata fl-ammont ta' **mija u disgha u ghoxrin elf euro (€129,000)**

- Il-proprjeta' li tinsab l-Hamra, f' **41 Triq ir-Ramla Nadur Ghawdex** giet stmata fl-ammont ta' **mija u hamest elef euro (€105,000)**

Illi qamet il-kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-lokalizazzjoni ta' l-art tad-Duru. Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2012 Dr Mompalao ddikjara li l-art 'Tad-Duru' ma ghandhiex tkun inkluza fis-sentenza tal-likwidazzjoni u divizjoni li ghandha tinghata minn din il-Qorti. Dr Mario Scerri ghall-konvenuti qabel li din l-art partikolari ghandha tigi eskluza. Dr Jean Paul Grech qabel li din l-art ghandha tigi eskluza b'dan illi tali eskluzjoni m'ghandhiex tigi nterpretata li l-assenti qeghdin jirrinunzjaw ghall-kwalunkwe drittijiet li talvolta jistghu jkollhom fuq l-imsemmija art.

Illi rrizulta li l-konjugi John u Carmela Muscat kellhom sitt itfal:

- **Rita Muscat**

- **Michael Muscat** li miet fis-7 ta' Dicembru 1984 u wirtuh it-tmien uliedu Carmen Muscat, Anglu Muscat, Emily Muscat, Maria Riley, Jane Collins, Rose Azzopardi, Cettina Borg u Tony Muscat fi kwoti ndaqs bejniethom ilkoll atturi.

- **Pawlu Muscat** li miet fit-2 ta' Gunju 1985 u wirtuh id-disa' uliedu ossija John Muscat, Rosaria sive Rose Camilleri, Nancy Said, Rita Meilaq, Carmen Galea, Joseph Muscat u Salvina Portelli, Margaret Ghulam u Josephine Jones ilkoll atturi

- **Joseph Muscat** li miet fid-9 ta' Jannar 2011 li rregola l-wirt tieghu billi nnomina lil martu Rita Muscat

bhala uzufruttwarja tal-assi kollha tieghu u lil ghaxar uliedu ossija Angelo Muscat, Peter Paul Muscat, John Muscat, Carmen mart Michael Mifsud, Mario Muscat, Anthony Muscat, Michelina mart Philip Cricchiola, Lilian mart Rudolph Cricchiola, David Muscat u Mary mart John Cauchi bhala werrieta universali tieghu lkoll konvenuti.

- **Emanuel Muscat**

- **Carmelo Muscat**

Illi Carmela Muscat mietet intestata u ghalhekk il-wirt u s-successjoni taghha ddevolva favur is-sitt uliedha.

Illi John Muscat irregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz ta’ testment fl-atti tan-Nutar Guzeppe Grech tat-28 ta’ Novembru 1956 li permezz tieghu halla biss legat u ma rregolax in-nomina ta’ eredi u ghalhekk l-eredi tieghu huma s-sitt uliedu.

Kwindi kull wild jew l-eredi ta’ dak il-wild ghandu jew ghandhom sesta parti (1/6) mill-assi fuq imsemmija.

Illi l-atturi fir-rikors guramentat talbu wkoll li minn sehem Giuzepp Muscat ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-legat lilu mholli. Waqt it-trattazzjoni tal-kawza ma ngabux provi li jissufragaw it-talba ta’ l-atturi sabiex dan il-legat imholli ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni meta jigi kkalkulat sehem Giuzepp Muscat.  Jirrizulta li John Muscat halla b’titolu ta’ legat lil ibnu Joseph Muscat bicca raba’ imsejha ‘Ta’ Giardina’ fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex ta’ kejl ta’ cirka sitt kejliet, tmiss il-punent ma’ beni ta’ Giorgio Galea, lvant mat-triq, nofsinhar mal-beni ta’ l-istess testatur Ganni Muscat u t-tramuntana ma’ beni ta’ Carmelo Muscat, soggetta ghac-cens ta’ xelin u tliet soldi ta’ kull sena u in perpetwu.  John Muscat iddikjara fit-testment tieghu li kien qieghed ihalli tali legat peress li xi sentejn qabel kien irkupra tali raba’ bi flus it-tifel tieghu Giuseppe Muscat. Inoltre’ t-testatur iddikjara s-segwenti: *‘, illi billi dina l-bicca raba’ giet minnu aqquistata bi flus it-tifel tieghu ‘il fuq imsemmi legatarju, Giuseppe Muscat, it-tfal l-ohra tat-testatur, hut Giuseppe Muscat, ma ghandhomx*

*jippretendu ebda dritt jew pretensioni fuq l-raba li fuq deskritt u mholli b'titolu ta' legat mill-istess testator lit-tifel tieghu 'il fuq imsemmi legatarju Giuseppe Muscat'.* Din l-art giet identifikata permezz ta' pjanta ezebita mill-konvenuti Angelo Muscat u hutu wlied il-mejjet Joseph Muscat fid-9 ta' Ottubru 2012 u giet bordurata bil-kulur ahdar u markata bl-ittra 'C' fuq l-istess pjanta, liema art ghandha l-kejl ta' xi mija u hmistax-il metri kwadri (115m.k.). L-atturi permezz tan-nota taghhom tas-17 ta' Ottubru, 2012 qablu li l-art imhollija b'legat hija dik markata bl-ittra 'C' fuq il-pjanta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi :

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba.

2. B'referenza ghat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici dawn diga' gew decizi permezz ta' sentenza parzjali moghtija fl-4 ta' Dicembru, 2009 hekk kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2010. A skans ta' kull ekwivoku u anki abbazi ta' dak verbalizzat mill-partijiet, l-assi li ghandhom jifformaw oggett tal-qasma odjerna huma:

(i) Il-fond kollu numru 41, Triq ir-Ramla, Nadur Ghawdex. Pero' mhux inkluza l-mandra li l-atturi sostnew li tifforma parti mill-fond u mifruda permezz ta' sqaq.

(ii) L-art fejn kien mibni l-fond numru 21, Triq Ramla, Nadur, Ghawdex u li llum hu mgarraf, inkluz il-kamra li tigi taht il-proprjeta' ta' terzi (maghrufa tat-Taljan).

(iii) 1/7 mill-wirt tal-genituri ta' Carmela Muscat (Michael Muscat u Rosa xebba Said), li hemm qbil li ghandu jibqa' komuni.

3. Tiddikjara li dawn il-proprjetajiet ghall-qasma mhumiex kommodament divizibbli u ghalhekk tordna l-

bejgh bil-licitazzjoni tal-fond u l-art fuq imsemmija fil-paragrafu precedenti numri (i) u (ii).

4. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-imsemmija proprjetajiet. Kif ftehmu l-partijiet il-valutazzjoni tal-proprjetajiet imsemmija hija ta' mija u hamest elef euro (€105,000) ghall-fond numru 41, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex eskluza l-mandra; u mija u disgha u ghoxrin elf euro (€129,000) ghall-art fejn kien mibni l-fond numru 21, Triq Ramla, Nadur, Ghawdex u li llum hu mgarraf, inkluz il-kamra li tigi taht il-proprjeta' ta' terzi (maghrufa tat-Taljan)

5. Tordna li l-bejgh isir fil-15 ta' April, 2013 fl-10.00a.m. fil-bini tal-Qorti, Pjazza Katidral, Rabat, Ghawdex.

6. Tordna li r-rikavat jinqasam inkwantu ghal sesta parti (1/6) lil Rita Muscat; sesta parti (1/6) lill-eredi ta' Michael Muscat; sesta parti (1/6) lill-eredi ta' Pawlu Muscat; sesta parti (1/6) lill-eredi ta' Joseph Muscat; sesta parti (1/6) lil Emanuel Muscat; u sesta parti (1/6) lil Carmelo Muscat. Ir-rikavat ta' l-assenti Carmelo Muscat, wara li jitnaqqsu l-ispejjez relattivi, ghandu jigi depozitat taht l-Awtorita` tal-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu mill-istess kuratur deputat u dan fi zmien qasir u perentorju ta' hmistax-il gurnata mid-data meta l-bejgh b'licitazzjoni jkun konkluz.

7. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legat a favur l-eredi ta' Joseph Muscati liema legat gie mholli lill-istess Joseph Muscat minn Giovanni Muscat fit-testment tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u sitta u hamsin (1956) in atti Nutar Guzeppe Grech konsistenti f'bicca raba' imsejha 'Ta' Giardina' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex ta' kejl ta' cirka sitt kejliet, tmiss il-punent ma' beni ta' Giorgio Galea, lvant mat-triq, nofsinhar mal-beni ta' l-istess testatur Ganni Muscat u t-tramuntana ma' beni ta' Carmelo Muscat, soggetta ghac-cens ta' xelin u tliet soldi ta' kull sena u in perpetwu u li giet identifikata permezz ta' pjanta ezebita mill-konvenuti Angelo Muscat u hutu wlied il-mejjet Joseph Muscat fid-9 ta' Ottubru 2012 u giet bordurata bil-kulur ahdar u markata bl-ittra 'C' fuq l-

istess pjanta, liema art ghandha l-kejl ta' xi mija u hmistax-il metri kwadri (115m.k.).

8. Tinnomina lin-Nutar Dr Anne Marie Mizzi sabiex tippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess fl-erbatax (14) ta' Dicembru, 2012 u lill-avukat Dr Angele Formosa sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.

L-ispejjez tal-kawza nkluzi dawk tal-bejgh b'licitazzjoni ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom. L-ispejjez relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' l-immissjoni fil-pussess huma a karigu ta' l-eredi ta' Joseph Muscat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------